MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Rikors Numru. 201/2009

**APS BANK LIMITED** (C-2129)

vs

**V.G. TILES COMPANY LIMITED** (C-6957)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-3 ta’ Marzu, 2009, li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra l-Bank rikorrent talab li l-Qorti terga’ taghmel ezekuttiv il-kuntratt pubbliku ta’ kostituzzjoni ta’ debitu tal-20 ta’ Settembru, 2001, fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon u dan billi ghaddew aktar minn tliet (3) snin minn meta l-imsemmi kuntratt sar ezekuttiv;

Rat li l-kumpannija ntimata, notifikat kif imiss, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret ghar-rikors meta msejha l-kawza;
Rat li rapprezentant tal-Bank rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u ddikjara li saru xi hlasijiet akkont fil-mori tal-kaz, izda ma nqatax il-kreditu kollu msemmi fl-att pubbliku fuq imsemmi;

Illi ghalhekk it-talba tal-Bank rikorrent tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa' t-talba ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------